MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 230/2002

**Appell Nru 230/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Tawfeg Abobaker M. Mokhtar**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Tawfeg Abobaker M. Mokhtar (imwieled Gharian, il-Libja, fis-17 ta' Mejju, 1980 u detentur ta' passaport nru. 328848 mahrug f'Gharian, Libja, fid-9 ta' Settembru, 2000) talli (**1**) fil-*playing field* ta' Haz-Zabbar, sitwata fi Triq l-Iskola, Haz-Zabbar, fil-21 ta' Settembru, 2002 ghall-habta ta' xi s-siegha w nofs ta' filghodu, kellu fil-pussess tieghu arma li taqta' u bil-ponta (sikkina tal-kcina), u (**2**) talli matul ix-xhur immedjatament precedenti it-22 ta' Settembru, 2002, minghajr ma nghata permess ta'

residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess mill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni; l-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li taghti l-pieni stabbiliti skond il-ligi tiddikjara lill-imsemmi Tawfeg Abobaker M. Mokhtar bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta' tnehhija [kontra] tieghu skond l-Artikolu 14 tal-Kap. 217;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Tawfeg Abobaker M. Mokhtar hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu xahar prigunerija (mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv); dik is-sentenza tkompli hekk: *"Inoltre u wara li rat l-Artikolu 14 tal-Kap. 217 tiddikjarah immigrant ipprojbit u tordna t-tkeccija tieghu minn dawn il-Gzejjer appena jkun skonta l-periodu ta' prigunerija hawnhekk inflitta."*;

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza, maghmula u akkordata fis-7 ta' Ottubru, 2002; rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Tawfeg Abobaker M. Mokhtar, minnu ppresentat fl-14 ta' Ottubru, 2002 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza; it-talba fir-rikors ta' appell qed tigi riprodotta *verbatim*:

**Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi fl-isfond tas-suespost din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fis-sens illi filwaqt li tikkonferma l-htija tieghu fl-akkuzi dedotti kontrieh, hija tirrevoka u tbiddel il-piena moghtija kontra tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bis-sentenza moghtija fis-7 ta' Ottubru, li permezz taghha huwa gie ordnat li jitkecca minn Malta wara li jiskonta xahar prigunerija, u minflok taghtieh piena aktar adatta ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.**

Rat l-atti kollha tal-kawza; inluzi n-noti (ta' l-appellant u ta' l-Avukat Generali) tat-2 ta' Dicembru, 2002, u n-nota responsiva ta' sottomissjonijiet ta' l-appellant tat-3 ta' Dicembru, 2002; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dana l-appell hu limitat għall-piena. L-aggravji ta l-appellant huma erba', u ser jigu wkoll riprodotti *varbatim*:

**1) Illi kif gie espost aktar 'il fuq l-esponent wasal fl-ahhar fazi taz-zwieg tant illi d-data taz-zwieg giet appuntata ghat-22 ta' Novembru 2002;**
**2) Illi gia ladarba huwa jkun mizzewweg cittadina Maltija ma jkunx il-kaz li l-esponent jigi dikjarat immigrant ipprojbit u jitkecca minn Malta, u dan a bazi tad-dritt fondamentali tieghu li tistabilixxi familja;**
**3) Illi fil-mument l-esponent qed jigi mizmum fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u dan ghalhekk ifisser li x-xahar prigunerija li gie ssentenzjat ser jgahddi sakem jigi deciz dan l-appell;**
**4) Illi l-esponent jissottometti bir-rispett illi l-piena fuqu inflitta kienet wahda esagerata u dana stante illi l-fedina penali tieghu hija netta *(<u>sic</u>!)*, u li l-piena ta' karcerazzjoni li nghatat setghet giet sospiza kif isir fil-maggor parti ta' kazi simili [ghal] ta' l-esponent.**

Din il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra r-raba' paragrafu jew aggravju. Il-piena ta' xahar prigunerija (bit-tnaqqis ta' l-arrest preventiv) inghatat mill-ewwel qorti bhala piena komplessiva <u>fuq iz-zewg reati</u> ipotizzati f'daqstant imputazzjonijiet. Ir-reat kontemplat fl-Artikolu 13(1) tal-Kap. 66 (l-ewwel imputazzjoni) igorr piena ta' *"…multa ta' mhux izjed minn hamsin lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlett xhur."* Mill-banda l-ohra l-Artikolu 14(1) tal-Kap. 217 (it-tieni imputazzjoni) jipprovdi ghal dik li hi piena ghal minn ikun Malta minghajr il-permess tal-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni *"…multa ta' mhux izjed minn hames mitt lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien."* Kif jirrisulta mis-sentenza appellata, l-ewwel qorti ma emnitx il-versjoni ta' l-appellant, allura imputat, li s-sikkina kienet fuqu ghax kien mar biex joqtol haruf ghall-ikel; l-ewwel qorti evidentement ikkonkludiet li huwa kien mar igib din is-sikkina ghax kellu argument ma' certu Brian Grech, u kien ghalhekk li kkonkludiet li *"…mix-xhieda tirrisulta l-intenzjoni malizjuza tal-imputat ghal fatt tas-sikkina li instabet fuq persuntu."* Tenut kont ta' dawn

ic-cirkostanzi, din il-qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-piena ta’ xahar prigunerija, piena, li, kif diga inghad, hija wahda komplessiva ghaz-zewg reati.

Kwantu ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji (hawn aktar ‘l fuq riportati) dawn ghandhom jinqraw fil-kuntest tal-fatt li fil-mori ta’ l-appell l-appellant izzewweg lil Deborah Briffa (ara d-deposizzjoni taghha tad-29 ta’ Novembru, 2002 kif ukoll ic-certifikat taz-zwieg, Dok. “A”, anness man-nota ta’ l-appellant tat-2 ta’ Dicembru, 2002). Bazikament, ghalhekk, l-appellant issa qed jikkontendi li, galadarba illum huwa mizzewwg Maltija hu m’ghndux jew ma jistax jigi dikjarat immigrant ipprojbit u jitnehha minn Malta.

Din il-Qorti hi ben konxja li kien hemm diversi kazijiet (anke quddiem din l-istess Qorti) fejn l-ordni ghat-tnehhija ma sarx jew (fil-kaz ta’ din il-Qorti) gie revokat wara li dak li jkun jizzewwg persuna Maltija. Din il-Qorti, pero`, wara li ezaminat sew id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap. 217 hi tal-fehma li dawn is-sentenzi ma jirriflettux korrettement il-posizzjoni legali kif temergi minn dawn l-istess disposizzjonijiet. Ghalkemm l-Artikolu 5 tal-Kap. 217 jiddefinixxi min hu “immigrant projbit”, l-Artikolu 14 (a differenza ta’ l-Artikolu 15) <u>ma jirrikjedi ebda dikjarazzjoni li persuna hija “immigrant projbit”</u>. Is-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 14 jistabilixxi li persuna (li ghaliha jkunu japplikaw id-disposizzjonijiet tat-Taqsima III[1]) li tinzel l-art jew tkun Malta minghajr permess ghal residenza u minghajr permess minghad l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni tkun hatja ta’ reat, u meta tinsab hekk hatja mill-Qorti tal-Magistrati, tehel il-piena aktar ‘l fuq imsemmija f’din is-sentenza. Is-subartikolu (2), imbghad, jipprovdi, fil-parti principali tieghu, testwalment hekk:

**L-imsemmija qorti ghandha tohrog kontra kull persuna li tkun misjuba hatja ta’ reat skond is-subartikolu ta’ qabel dan ordni ta’ tnehhija[2] u, wara li jkun sar dak l-ordni, dik il-persuna tinzamm taht kustodja sakemm titnehha minn Malta…**

---

[1] Ara l-Artikolu 4 dwar “Persuni Ezenti”.
[2] “Removal order” fit-test Ingliz.

L-Artikolu 19 jipprovdi dwar kif jigi ezegwit ordni ta' tnehhija, u cioe` billi l-persuna li ghaliha jkun jirreferi l-ordni "tittiehed barra minn Malta". Dan l-ordni ta' tnehhija, li hu tassattiv, hu parti mill-piena ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 14(1). Issa ma hemmx dubbju li fil-21 ta' Settembru, 2002 u fix-xhur immedjatament precedenti – il-periodu kopert bit-tieni imputazzjoni – l-appellant ma kienx persuna ezenti skond l-Artikolu 4 tal-Kap. 217; sar hekk biss wara li kien diga kkommetta r-reat kontemplat fl-Artikolu 14(1)[3] (u f'dan il-kaz sar hekk precisament fit-22 ta' Novembru, 2002). Dan ma hux il-kaz ta' tibdil fil-ligi li jkollu bhala konsegwenza xi tibdil fil-piena b'mod li jkun applikabbli l-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali; dan hu semplicement kaz ta' tibdil fic-cirkostanzi personali ta' dak li jkun wara li jkun diga kkommetta r-reat. Il-kaz ta' l-appellant jista' jigi mqabbel mal-kaz ta' l-ufficjal pubbliku li jikkommetti reat li jista' jigi kommess biss minn ufficjali pubblici; jekk, wara li jikkommetti dak ir-reat u anke qabel ma jinqabad huwa jkun spicca jew irrizenja minn ufficjal pubbliku, huwa xorta wahda jibqa' passibbli ghal dak ir-reat u ghall-piena komminata ghalih. S'intendi, tibdil fic-cirkostanzi personali jista' jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' mitigazzjoni fil-piena; pero` f'dan il-kaz, kif inghad, l-ordni ta' tnehhija huwa tassattiv: id-disposizzjoni relattiva tghid "ghandha tohrog" u mhux "tista' tohrog". S'intendi, wara li tigi esegwita s-sentenza tal-Qorti u l-appellant jittiehed barra minn Malta, jekk huwa jerga' jigi biex jidhol Malta japplikaw *rebus sic stantibus* dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li japplikaw ghal persuni ezenti, b'mod ghalhekk li d-disposizzjonijiet tat-Taqsima III (inkluz l-Artikolu 24) ma jkunux japplikaw ghalih. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-Avukat Generali li l-Artikolu 4(1)(g) tal-Kap. 217 ma japplikax ghall-appellant; hu evidenti li ghalissa l-appellant mhux qed jghix ma' martu ghas-semplici raguni li jinsab detenut skond il-ligi fil-habs. Mill-banda l-ohra, id-decizzjoni ta' l-ewwel qorti b'ebda mod ma hi qed izzomm lill-appellant milli jifforma familja, s'intendi wara li dik is-sentenza tigi skontata. Ghalhekk il-konsiderazzjonijiet migjuba mill-appellant fin-nota responsiva ta'

[3] Art. 4(1)(g) tal-Kap. 217.

sottomissjonijiet tat-3 ta’ Dicembru, 2002 huma rrelevanti. Jizdied jinghad ghall-kompletezza tal-fatti li l-appellant stess stqarr mal-Pulizija (ara l-istqarrija tieghu a fol. 10) li kellu l-hsieb li wara li jizzewweg itella’ lil martu tghix mieghu fil-Libja. Fl-ahharnett din il-Qorti hi konfortata fil-hsieb taghha dwar dak li nqtal hawn fuq fir-rigward tal-piena u dwar kif ser tiddisponi minn dana l-appell anke b’dak li jipprovdi l-Artikolu 44(3)(b) tal-Kostituzzjoni.

Ghall-motivi premessi tiddisposni mill-appell interpost billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata biss f’dik il-parti fejn l-ewwel qorti iddikjarat lill-appellant “immigrant ipprojbit”, izda tikkonferma l-istess sentenza fil-bqija, cioe` ghar-rigward id-dikjarazzjoni ta’ htija fuq iz-zewg imputazzjonijiet, ghar-rigward tal-piena ta’ xahar prigunerija (bit-tnaqqis ta’ l-arrest preventiv, b’dan li l-arrest preventiv li ghandu jitnaqqas ghandu jinkludi wkoll il-periodu li l-appellant ghamel arrestat fil-mori ta’ dan l-appell), kif ukoll ghar-rigward ta’ l-ordni ta’ tnehhija; u ghall-fini ta’ tali tnehhija tawtorizza lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni sabiex izomm taht kustodja lil Tawfeg Abobaker M. Mokhtar sabiex ikun jista’ jitnehha minn dawn il-Gzejjer taht skorta skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 217.

Aldo Testone
Assistent Registratur